MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1277/2002/1

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Louis Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00), u fejn intqal:**
**Illi l-konvenut xtara merkanzija minghand is-socjeta` attrici u beda jaghmel xi pagamenti akkont pero` illum ghad fadal ihallas il-bilanc ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00);**
**Nonostante interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-10 t'April, 2001 u notifikata fl-14 t'April, 2001, xorta baqa' nadempjenti;**
**Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez, inkluzi tlettax-il lira u hamsin centezmu (Lm13.50) ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135.00) bl-imghax legali mill-14 t'April, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 t'April, 2001, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**